MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 413/2006/1

**APS Bank Limited C-2192**

**v.**

**Dottor Joseph Paul Bonello u martu Rita Bonello**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’rikors tas-socjeta` APS Bank Limited bid-data 9 ta’ Mejju 2006 is-socjeta` rikorrenti ppremettiet hekk:-

"Illi l-konvenuti Dottor Joseph Paul Bonello u martu Rita Bonello huma solidament bejniethom debituri versu l-Bank attrici fis-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija, wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm15,991.98) [€37,251.29] rapprezentanti bilanc ta' facilita` ta' overdraft moghtija lill-istess konvenuti mill-Bank attrici kwantu ghas-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija u hamsa u disghin lira maltin u erbgha u hamsin centezmi (Lm14,695.54) [€34,231.40] bhala bilanc ta' debitu ta' "Overdraft Account" numru 10797530037 (Dok. "A") kif ukoll kwantu ghas-somma ta' elf, mitejn u sitta u disghin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmi (Lm1,296.44) [€3019.89] bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Current Account" numru 20000138187 (Dok. "B"), oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

"Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi ihallsu l-imsemmija somma, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata erbgha (4) ta' Mejju 2005, izda baqghu inadempjenti.

"Dan premess s-socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma solidament bejniethom debituri tas-socjeta' attrici tas-somma ta' hmistax-il elf, disa' mija, wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm15,991.98) [€37,251.29] oltre l-interessi b' effett mill-31 ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma (ta') hmistax-il elf disa mija, wiehed u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm15,991.98 (€37,251.29).

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidalment bejniethom inkluzi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni u ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti solidalment bejniethom millum ingunti ghas-subizzjoni."

L-intimati Dr. Joseph P. Bonello (ID 702256M) u martu Rita Bonello (ID268257M) eccepew: -

“1. Illi fl-ewwel lok qed tigi eccepita l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante li l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu minn kollox sabiex jipprovaw isolvu din il-kwistjoni bonarjament imma l-attur qabad u mexxa bil-Qorti waqt li kienu ghaddejjin trattattivi serji bejn il-partijiet.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhux dovut.

“3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont kif komputat mill-attur huwa eccessiv stante li l-mod li bih gew ikkomputati ‘l hekk imsejha “imghaxijiet” u “spejjez” ma gewx ikkomputati skont il-ligi u diversi entries f’dan ir-rigward saru anke minghajr awtorizzazzjoni min-naha tal-konvenuti;

“4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-attur hija nfondata ghax il-ftehim originali bejn il-partijiet kien illi l-attur ikopri ruhu adegwatament b’sigurta’, liema sigurta’ inghata minn terza persuna;

“5. Illi s-sigurta’ moghtija lill-attur mit-terza persuna fuq msemmija fil-fatt kienet ferm aktar minn adekwata biex tkopri in pieno l-ammont ta’ debitu li, skont l-attur huwa dovut mill-konvenuti;

“6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur kien negligenti fil-formalitajiet necessarju sabiex ikun kopert b’ din is-sigurta’, u allura ma setax jimxi fuq l-istruzzjonijiet tal-konvenuti biex jillikwida s-sigurta’, u issa jippretendi illi jsewwi l-effett ta’ tali negligenza billi jgieghel lill-konvenuti jaghmlu depoziti sufficjenti biex jigi kopert l-ammont li jirrizulta skopert minhabba n-negligenza tal-attur, dan meta l-ftehim bejn il-partijiet kien mod iehor;

“7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, rigward it-talba ghall-ispejjez mitluba dwar mandati relatati ma’ din il-kawza, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-proceduri sabiex jigu attakkati dawn l-atti u l-ezitu relattiv;

“8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“9. Illi ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur.”

**Is-sentenza appellata**

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-27 ta’ Novembru, 2008 bil-mod segwenti:

“....... ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-konvenuti datata 23 ta’ Gunju 2006, tilqa’ t-talbiet attrici b’dan illi:-

“1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri tas-socjeta` attrici tas-somma ta’ sebgha u tletin elf, mitejn u wiehed u hamsin ewro u disa’ u ghoxrin centezmu (€37,251.29) ekwivalenti ghal hmistax-il elf, disa’ mija, wiehed u disghin liri Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm15,991.98).

“2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma sebgha u tletin elf, mitejn u wiehed u hamsin ewro u disa’ u ghoxrin centezmu (€37,251.29) ekwivalenti ghal hmistax-il elf disa’ mija, wiehed u disghin liri Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm15,991.98).

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidalment bejniethom inkluzi dawk tal-Mandati ta’ Inibizzjoni u ta’ sekwestru prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.”

L-ewwel Qorti esprimiet ruhha kif hawn fuq riprodott wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Illi s-socjeta’ attrici ghamlet din il-kawza ghaliex tippretendi li ghandha tiehu l-ammont ta’ Lm15,991.98 (€37,251.29) rapprezentanti bilanc ta’ facilita’ ta’ overdraft moghtija lill-istess konvenuti mill-Bank attrici kwantu ghas-somma ta’ Lm14,695.54) (€34,231.40) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Overdraft Account” numru 10797530037 (Dok. “A”) u kwantu ghas-somma ta’ Lm1,296.44) (€3019.89) bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Interest Disposal Current Account” numru 20000138187 (Dok. “B”), bl-interessi ulterjuri mid-data tal-31 ta Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

“Illi jirrizulta li skond sanction letter datata 18 ta’ Marzu 1999 l-intimat inghata facilita’ ta’ overdraft fis-somma ta’ Lm5,000 u dan skond il-kundizzjonijiet hemm indikati (Dok. “LS 1” – fol. 23) li fosthom bhala garanzija inzamm bhala rahan poloz ta’ assigurazzjoni fuq il-hajja (Dok. “LS2” u “LS3”).

“Illi f’Ottubru 2000 l-Bank ta lill-konvenut “temporary encroachment” ta’ Lm3,200 u dan kien assigurat b’rahan fuq 1,450 ishma tal-Maltacom p.l.c. proprjeta’ ta’ Grazio Mercieca, liema rahan jirrizulta minn skrittura privata datata 20 ta’ Ottubru 2000 (Dok. “LS 4”) . L-istess facilita’ giet awmentata f’Novembru 2000 ghall-Lm21,200 u din id-darba bhala sigurta’ inghataw 1,970 sehem tal-Bank of Valletta plc; 4,000 - 7% Malta Goverment Stocks; 4,400 - 7.25% Malta Goverment Stocks registrati f’isem l-istess Orazio Grech (Dok. “LS 5”). Din il-facilita’ fuq rikjesta tal-intimati giet awmentata ghall Lm23,400 f’Dicembru 2000 u dawn gie kkonfermat b’sanction letters datati 5 ta’ Jannar 2001 (Dok. “LS6”) u 17 ta’ Jannar 2001 (Dok. “LS7”) fejn apparti garanziji li intalbu minghand l-intimati stess, nkluzi r-rahan fuq il-poloz ta’ assigurazzjoni sal-ammont hemm indikat u letter of undertaking li l-konvenut jaghti ipoteka fuq l-ufficju tieghu 5, Balzan Valley, Balzan, inzamm ir-rahan fuq it-titolu fuq indikati registrati f’isem l-istess Grazio Cachia.

"Illi jirrizulta li ma thallas xejn mill-ammont dovut fl-istess kont b'dan li l-bilanc tela' ghall Lm23,772 u din kienet is-sitwazzjoni minkejja li skond is-sanction letter tali ammont kellu jinzel ghall-Lm5,000. Fil-5 ta' Frar 2001 l-konvenut gie informat b'din is-sitwazzjoni mill-Bank u fid-9 ta' Awissu 2001 l-Bank baghat formula (fol. 40) lill-konvenut sabiex tigi ffirmata sabiex l-istess titolu registrati f'isem Orazio Cachia moghtija b'rahan favur il-Bank ikunu jistghu jinbieghu u dan meta l-ammont dovut kien ta' Lm25,983 (Kont Numri 10797530037 – 10797530048 -Dok. "LS 8"). Din il-formula qatt ma gietx iffirmata la mill-konvenut u lanqas minn Orazio Cachia. Peress li l-ebda ammont ma thallas il-Bank hareg "call-in letter" datata 28 ta' Frar 2002 (Dok. "LS 9") fejn l-ammont totali dovut kien fil-fatt ta' Lm27,181.73. Ma jirrizultax li kien hemm xi risposta da parte tal-konvenuti. Ittra ohra interpellatorja intbaghtet fil-25 ta' Marzu 2002 (Dok. "LS 10").

"Illi jidher bdew trattativi mal-konvenut kif ser jithallas l-ammont dovut tant li saru suggerimenti mill-konvenut stess kif kienu ser isiru pagamenti sal-15 ta' Ottubru 2003 u dan anke permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2003 (Dok. "LS 11") u dan bla mal-istess konvenut ghamel xi riferenza ghall-imsemmi rahan tat-titoli appartenenti lill-Grazio Cachia. Peress li ma sar ebda hlas saru ittri interpellatorji datati 23 ta' Settembru 2003 (Dok. "LS 12') u 30 ta' Jannar 2004 (Dok. "LS 13") lill-konvenut u ohra lill-Grazio Cachia (Dok. "LS14"). B'rispons ghal dan saret proposta ta' pagament mill-konvenut fis- 6 ta' April 2004 (Dok. "LS 15") li giet accettata mill-Bank (Dok. "LS 16"), izda ma sehh xejn minn dan u ghalhekk il-Bank interpella lill-konvenut ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm31,052.65 b'ittra ufficjali datata 27 ta' April 2004 (Dok. "LS 17").

"Illi saru kuntatti mal-konvenut ta' kif kellu jigi saldat id-debitu dovut u intbaghtu formoli mill-gdid fit-2 ta' Settembru 2004 lill-konvenut sabiex jigu ffirmati minn Grazio Cachia (Dok. "LS18") sabiex jawtorizzaw il-bejgh tat-titoli mizmuma b'rahan u li r-rikavat taghhom kellu jmur sabiex jitnaqqas l-ammont dovut fuq l-istess kont mal-Bank, izda l-istess formoli baqghu ma gewx iffirmati.

“Illi peress li ma sar ebda hlas u anke wara li saru wkoll trattativi ma’ Grazio Cachia li ma wasslu ghall-ebda ftehim (Dok. “LS 19”), l-istess Grazio Cachia kien interpellat sabiex ihallas l-ammont ta’ Lm19,600 valur tal-prezz tal-istess sigurtajiet tieghu, u dan l-ammont effettivament thallas mill-istess Grazio Cachia fl-4 ta’ Frar 2005 u b’dan il-konvenuti gew avzati tant li l-bilanc dovut kien nizel b’hekk ghall-Lm14,581.57 bl-imghax mill-31 ta’ Dicembru 2004 (Dok. “LS 23”).

“Illi peress li ma thallas l-ebda ammont saret ittra ufficjali kontra l-konvenuti ghall-ammont ta’ istess ammont (Dok. “LS 24”) u jidher li bdew isiru trattativi fis-sena 2005 ta’ kif kellu jsir kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu mal-konvenuti u kif kellhom isiru l-pagamenti u l-garanziji li kellhom jinghataw fosthom ipoteka fuq il-fond 5, Balzan Valley, Balzan, tant li dan gie stmat fis-somma ta’ Lm34,990 mill-Perit Renato Laferla (Dok. “LS 27 u 28”) nkarigat mill-konvenut u gew iffisati appuntamenti anke man-Nutar Silvana Borg sabiex jigi ffirmat l-istess kuntratt. L-istess kuntratt kien gie fil-fatt abbozat kif jidher mid-Dok. “SBC” (fol. 79) fejn kienet indikata s-somma sa dakinhar dovuta bl-imghax komputat sad-data ta’ Frar 2006. Jirrizulta car mix-xhieda ta’ l-istess Nutar li l-konvenuti ma kellhomx oggezzjoni fuq l-ammont indikat izda fuq zewg kundizzjonijiet fl-istess kuntratt (xhieda datata 31 ta’ Jannar 2007).

“Illi dan il-kuntratt baqa’ ma sarx u wara li saret laqgha mal-konvenut u l-P.L. Noel Bianco saret offerta mill-konvenut li jhallas per saldo l-ammont ta’ Lm10,500 (Dok. “LS 29”) li giet rifjutata mill-Bank ghaliex l-ammont dovut kien ferm iktar (Dok. “LS 30”) u l-ammont dovut meta infethet din il-kawza kien ta’ Lm15,991.98 bl-imghax mill-31 ta’ Dicembru 2005.

“Illi dwar dan il-konvenuti isostnu li l-kawza hija intempestiva peress li l-partijiet kienu qed jippruvaw isolvu l-pendenza bonarjament, eccezzjoni li ma tistax tigi milqugha peress li jidher li saru kemm il-tentativ ghall soluzzjoni bonarja, izda l-partijiet ma’ waslux.

"Illi dwar l-eccezzjonijiet li l-ammont ma huwiex dovut, anke ghaliex inghad li ddahlu imghaxijiet u spejjez li ma kellhomx jidhlu skond il-ligi, dan bl-ebda mod ma gie ppruvat mill-konvenuti u ghalhekk t-tieni u t-tielet eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi dwar l-eccezzjoni li t-talba hija infondata peress li fil-ftehim originali l-Bank kellu jkopri ruhhu adegwatament b'sigurta' adegwata li inghatat minn terza persuna jinghad li l-klijenti tal-Bank kienu l-konvenuti u l-Bank accetta b'rahan t-titolu intestat favur Grazio Cachia. Din kienet il-portata tal-ftehim u ma kien hemm ebda ftehim iehor li jezenta lill-konvenuti mill-pagamenti lura tal-ammonti dovuti minnhom fuq l-istess facilitajiet bankarji. Kull relazzjoni li l-konvenut kellhu ma' Pier Buontempo (li lanqas xehed f'din il-kawza) kienu estranei ghar-relazzjoni bejn il-Bank u l-konvenuti fuq dawn il-facilitajiet bankarji. Din il-Qorti taqbel ghalhekk ma' dak sottomess mill-Bank attur waqt il-kawza u wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. F'dan is-sens r-raba' eccezzjoni qed tigi michuda.

"Illi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra jinghad li minkejja dak kollu allegat mill-konvenuti din il-Qorti thoss li l-Bank agixxa regolarment billi ottjena l-firem fuq il-pledge forms u fil-fatt jinghad li fuq kollox kien fl-interess tal-istess konvenut li jaghti tali garanzija li huwa hass li kienu adegwati, tant li huwa stess iffirma ghaliha u dan dejjem sabiex jinghataw lilu l-facilitajiet bankarji mertu tal-kawza odjerna. Apparti minn dan ma kien hemm bzonn ebda formalita` ohra, inkluz il-mili ta' "in blank forms" ghall-bejgh tal-ishma moghtija b'rahan, u dan apparti dak li ser jinghad iktar il-quddiem dwar l-istess fejn il-ligi tipprovdi li l-bejgh tal-istess ghandu jsir bil-procedura tas-subbasta kif provdut fl-artikolu 1970 u fil-fatt tali talba tista' ssir ukoll mid-debitur skond l-artikolu 1971 tal-Kap.16.

"Illi fil-fatt ir-rahan li kellu favur il-Bank kien dejjem suggett fil-kostitizzjoni tieghu ghad-disposizzjonijiet legali nkluzi dawk skond l-artikolu 1970 u 1973 tal-Kap. 16 fejn jirrizulta li l-kreditur ma jistax jiddisponi mir-rahan fin-nuqqas ta' hlas, izda ghandu jedd jitlob il-bejgh tal-haga fl-

irkant taht is-setgha tal-Qorti. Mela allura kontrarjament ghall dak li qed jallegaw l-konvenuti, l-Bank attur mexa korrettament ukoll meta ghamel il-ftehim mat-terza persuna ghar-rahan tal-effetti ndikati skond Dok. “LS 4” u Dok. “LS 5”. It-talbiet li saru wara sabiex isir il-bejgh tal-istess effetti suggetti ghar-rahan kien jehtieg il-kunsens tal-persuna li tat ir-rahan, kunsens li baqa’ ma inghatax minkejja li l-konvenut kien informat b’dan, tant li l-formoli intbaghatu wkoll lilu stess sabiex jigu ffirmati minn Grazio Cachia, formoli li ma gew qatt iffirmati.

“Illi dan l-agir tal-Bank kien ukoll konformi mal-ligi peress li dak li huwa permessibbli mill-ligi huwa li “dopo il-pignoramento, il-debitore, a scanso di spese, possa validamente autorizzare il-creditore a vendere il pegno senza alcuna formalita” (“Ettore Ripard et vs Paolo Ripard et” – P.A. (TG) – 11 ta’ Jannar 1944). Fil-fatt dan gie ribadit fis-sentenza “Lombard Bank Malta p.l.c. vs Louis Sultana et” (P.A. (GV) 3 ta’ Novembru 2003) fejn inghad li l-ftehim li bejgh tar-rahan issir mill-kreditur huwa validu meta jsir wara li jkun sar il-kuntratt ta’ rahan u indipendent minnu.

“Illi dan kollu iwaqqa s-sottomissjonijiet tal-konvenuti ghaliex il-Bank agixxa korrettament u b’hekk din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta t-tezi tal-konvenuti li qed jikkontendu li peress li l-Bank ma llikwidax l-effetti suggetti ghar-rahan fil-5 ta’ Frar 2001 meta l-valur tal-istess kien Lm21,428.02, huma gew pregudikati ghaliex l-valur tal-istess fl-4 ta’ Frar 2005 nizel ghall-Lm19,600, li b’hekk ihalli differenza ta’ (4,258.14 Euro) (Lm1,828.02). Mhux biss izda jinghad ukoll li t-tezi tal-konvenuti li huma taw struzzjonijiet lill Bank sabiex jillikwidaw tali sigurta’ f’nuqqas ta’ hlas sa’ mill-5 ta’ Frar 2001 ma gietx ippruvata u dan kemm ghaliex ma tezisti l-ebda korrispondenza f’dan ir-rigward, u kif ukoll ghaliex minkejja li l-konvenut jghid li kien kellem dwar dan lill Louise Spiteri, dan huwa kontradett mix-xhieda ta’ l-istess li sahansitra tghid li hija dahlet fil-kaz biss fis-sena 2003 meta l-file ghadda ghand ir-Recoveries Unit tal-istess Bank. Apparti dan din il-versjoni hija inverosimili peress li

tali bejgh ma setghax issir qabel ma’ jkun hemm call in - haga li saret biss fit-28 ta’ Frar 2002.

“Illi jinghad ukoll li tali sottomissjoni tal-istess konvenuti ma tistax tigi accettata peress li l-kunsens ta’ Grazio Cachia ghall tali bejgh qatt ma inghata u dan minkejja li almenu f’zewgt okkazzjonijiet l-formoli relattivi intbaghtu lill-konvenut stess u cjoe’ fid-9 ta’ Awissu 2001 (Dok. “LS 8”) u sahansitra fit-2 ta’ Settembru 2004 (Dok. “LS 18”). Jidher li l-konvenuti dwar dan ghamlu ftit li xejn, jekk fil-fatt setghu jaghmlu kemm il-darba l-istess Grazio Cachia ma riedx li jaghti l-kunsens tieghu ghall-tali bejgh, b’dan li l-unika triq legali kienet dik ta’ bejgh in subbasta, li d-debitur stess seta’ jitlob huwa stess f’kull zmien la darba d-dejn kien dovut – haga li l-istess konvenut u lanqas Grazio Cachia ma ghamlu.

“Illii fil-fatt jidher li l-istess Grazio Cachia lanqas irreagixxa wara l-ittra tat-30 ta’ Jannar 2004 (Dok. “LS 14”) u eventwalment kien biss meta huwa fl-4 ta’ Frar 2005 hallas l-ammont ta’ Lm19,600, li kien il-valur tal-istess effetti tieghu mizmuma b’rahan f’dak iz-zmien sabiex l-istess jigu rrilaxxati, li s-sitwazzjoni giet sblokkata u b’dan gew informati l-konvenuti b’ittra datata 4 ta’ Frar 2005, li ma giet bl-ebda mod minnhom ikkontestata.

“Illi mhux biss izda wara dik id-data waqt diversi interpellazzjonijiet mill-Bank l-istess konvenuti ssugerew huma stess diversi modi ta’ pagament u saru diversi tentattivi ta’ transazzjoni li pero’ ma wasslux ghal ftehim finali u b’hekk kellha ssir din il-kawza. F’dan il-kuntest jinghad li mix-xhieda tan-Nutar Sylvana Borg Caruana u tar-rapprezentanti tal-Bank li ma kien hemm ebda kontestazzjoni fuq l-ammonti dovuti u fil-verita’ ma tezisti l-ebda korrispondenza mill-konvenuti li tikkontesta dak l-ammont – kull ma kien hemm kienu proposti kif kienu ser jaslu ghall-ftehim dwar il-hlas lura tal-ammonti dovuti u dan meta l-korrispondenza bejn il-partijiet kienet wahda mhux skarsa kif jidher mid-dokumenti esebiti mill-partijiet inkluza dik b’nota attrici datata 28 ta’ Gunju 2006.

“Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.”

**L-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-17 ta' Dicembru, 2008 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellata.

Is-socjeta` attrici pprezentat risposta ghar-rikors imsemmi fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.
Qabel xejn din il-Qorti tosserva li fis-sentenza appellata gew michuda l-eccezzjonijiet kollha mressqa fir-risposta tal-konvenuti b'dan kollu fir-rikors tal-appell jidher li l-aggravju tal-appellanti jikkoncerna espressament ic-cahda tar-"raba', il-hames u is-sitt eccezzjonijiet migjuba fil-kawza" billi skont l-istess appellant dawn "l-eccezzjonijiet l-esponenti jemmnu illi kellhom jigu pjenament akkolti ......". Dan premess din il-Qorti ssib li t-talba fir-rikors tal-appellanti hija kemxejn konfliggenti mal-korp tar-rikors billi hemm qed jintalab li jigu milqugha l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u mhux biss dawk li jinkwadraw fl-aggravju u li gew effettivament trattati fir-rikors tal-appell. Jidher ghalhekk li ghandna certa inkonsistenza li tirrizulta bl-aktar mod car mill-korp tar-rikors tal-appell fejn jidher ampjament li l-eccezzjoni ta' intempestivita`, l-eccezzjoni li l-ammont reklamat mhux dovut u l-eccezzjoni dwar il-komputazzjoni tal-imghax u l-ispejjez, ma gewx trattati. Din il-Qorti ghalhekk tifhem li l-appell huwa cirkoskritt ghal dak li l-konvenuti ittantaw jottjenu fil-kuntest tal-eccezzjonijiet 4, 5 u 6 imsemmija.

In succint l-ilment tal-appellanti jikkoncerna allegazzjoni li kienet in-negligenza tal-bank kreditur meta illuzinga jew dam biex jiehu passi biex jillikwida s-sigurta` moghtija minn terzi a tenur tal-Artikolu 1970 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema dewmien gie rifless fi prezz inferjuri tat-titoli li gew moghtija b'rahan u b'hekk meta l-valur taghhom gie sodisfatt minn min kien pogga dawn l-effett

bhala garanzija irrizulta bilanc negattiv fil-kont tal-konvenuti u liema bilanc negattiv issa qed jigi reklamat mil bank attur minghand il-konvenuti b'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tosserva wkoll li f'dan l-istadju, l-appellanti qed jissollevaw kwistjoni li ma kienitx tressqet fl-ebda wahda mill-eccezzjonijiet taghhom li gew kunsidrati mill-ewwel Qorti. Infatti qed jigi allegat li d-debitu ma kienx dovut mill-konvenuti billi l-facilitajiet moghtija kienu, skont il-konvenuti, intizi ghall-terzi persuni ghalkemm l-ammonti avvanzati kienu tpoggew fil-kont tal-konvenut – donnu l-konvenuti qed jinsinwaw li huma jew ghal anqas il-konvenut kienu qed jagixxu bhala *presta nome*. Issa apparti l-fatt li din l-allegazzjoni hija kompletament michuda mill-bank attur, mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-partijiet involuti dejjem kienu l-bank mill-parti l-wahda u l-konvenuti mill-banda l-ohra. Dan jidher car mis-Sanction Letter fejn gew awtorizzati l-*overdraft facilities* favur il-konvenuti b'garanzija ta' *life policies* f'isem l-istess konvenuti. Inoltre jidher li l-awmenti fil-facilita` li l-bank kien qed jipprovdi, dejjem saret fuq talba tal-istess konvenuti u fil-kont taghhom. Kien biss incidentali li l-garanziji li nghataw kienu provduti minn terza persuna, biss jirrizulta ampjament mill-provi li t-trattativi ghall-arrangamenti dwar il-hlas tad-dejn dejjem saru mal-istess konvenuti li sahansitra kienu anke offrew li jaghmlu pagamenti perjodici u jghatu garanzija bi proprjeta` taghhom. Kull offerta izda sfat fix-xejn billi l-konvenuti naqsu jaghmlu pagamenti kif kienu pproponew. Ghalhekk dan l-aspett tal-appell tal-konvenuti mhux ser jigi trattat stante li ma kienx jifforma parti mill-kontestazzjoni originali b'dan kollu ghandu jinghad li mill-provi rizultanti, kif jinghad hawn fuq, ma hemmx dubbju li d-debituri kienu l-konvenuti.

L-appellanti jilmentaw li l-bank attur naqas li jiehu dawk il-passi immedjati biex jithallas lura l-kreditu tieghu u b'hekk gew pregudikati l-istess konvenuti billi bejn id-data meta saret il-*call in* u meta sehh il-pagament skont il-valur tas-*securities* li kienu tpoggew fil-pussess tal-bank biex jaghmlu tajjeb ghall-kreditu, l-valur tal-istess *securities*

waqa' b'mod li parti mill-kreditu baqa' skopert u l-bank issa qed jirreklama dan l-ammont minghand il-konvenuti.

Issa l-Artikolu 1970 tal-Kap 16 li qed jiccitaw l-appellanti jghid li l-kreditur ma jistax minn jeddu jiddisponi mill-haga moghtija b'*rahan* biex jissodisfa l-kreditu tieghu, izda jrid jitlob li l-Qorti tordna l-bejgh in subasta kif provdut fis-subartikoli sussegwenti. Huwa minnu li bejn id-data tal-*call in* u cioe` it-28 ta' Frar 2002 u d-data meta l-persuna li kienet iggarantiet il-hlas lura tal-*overdraft facilities* ghadda certu zmien u forsi anke kien hemm diminuzzjoni fil-valur tat-titoli. Biss jirrizulta li wara l-*call in* il-konvenut kien inghata formuli biex jottjeni l-firma tal-persuna li kienet tpoggiet garanti fl-interess tal-istess konvenuti u dawn id-dokumenti qatt ma gew ritornati. Jirrizulta wkoll li fil-frattemp bejn il-*call in* u d-data meta l-valur tat-titoli gie soddisfatt, kien hemm diversi trattativi bejn il-konvenuti u l-bank attur, meta saru ripetutament diversi offerti ta' hlas u anke ta' registrazzjoni ta' ipoteka fuq il-proprjeta` taghhom u kull darba dawn jonqsu milli jeffettwaw pagamenti. Jidher ukoll li meta gie diskuss l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-istess konvenuti qatt ma ssollevaw xi diffikulta` naxxenti minn xi nuqqas tal-bank u dan ghalkemm il-minuta tal-kuntratt kienet tikkoncerna l-bilanc rimanenti wara li tnaqset is-somma mhallsa minn Grazio Cachia – l-garanti.

Apparti kollox din il-Qorti tosserva li d-dritt moghti lill-kreditu taht l-Artikolu 1970 huwa daqstant moghti lid-debitur li, wara li ssir il-*call in,* huwa fl-interess estrem tieghu li jiehu dawk il-passi mehtiega biex jissalda d-debitu bil-bejgh tat-titoli jew oggetti moghtija b'rahan billi jistitwixxi dawk il-proceduri lilu koncessi biex jipprokura l-bejgh tal-effetti moghtija b'rahan u dan kemm jista' jkun malajr. Jirrizulta li l-konvenut, filwaqt li jakkuza lill-bank attur li naqas, naqas huwa stess u ghalhekk ma jistax jiehu xi vantagg minn dan l-argument.

Dan premess din il-Qorti tixtieq izzid li l-agir tal-bank mhux talli ma kienx negligenti talli kien mahsub fl-ahjar interess tal-istess konvenuti billi bejgh sfruzat, a kuntrarju ta' bejgh kif kien qed jipprospetta l-bank bil-firem ta' Cachia, kien

jirrendi prezz ferm anqas minn dak li jipprovdi s-suq hieles. Ghalhekk il-bank ma ghandux jinzamm responsabbli billi ma jirrizulta ebda nuqqas inkwantu agixxa tempestivament meta ittanta li jottjeni l-firem ta' min kien pogga t-titoli bhala garanzija meta ra li d-debitu ma kienx thallas. Inoltre jidher li ghal diversi xhur u sahansitra snin, il-konvenuti, interpellati biex ihallsu, ghamlu minn kollox biex jtawlu z-zmien billi ghamlu diversi promessi ta' pagamenti u ta' kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu izda li dejjem sfaw fix-xejn. Din il-Qorti tara' li b'dawn il-proceduri u specjalment b'dan l-appell li jirrizulta frivolu, il-konvenuti rnexxielhom itawlu z-zmien biex jissodisfaw id-debitu taghhom ghal diversi snin b'diskapitu tal-bank kreditur li kemm-il darba ta l-possibilitajiet kollha lill-konvenuti biex jonoraw l-obbligi taghhom izda ta' xejn.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u stante li dan jirrizulta frivolu, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu spejjez doppji ta' dan l-appell a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------